Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 20**

**Data:** L-Erbgħa 23 t' Awwissu 2023
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużat**
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Online**
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President
Is-Sa. Anne Marie Muscat Fenech Adami - Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**20.1 Ittri ta' apoloġiji**

20.1.1 Il-President semma li s-Sur Steven Axisa talab li jkun skużat minħabba impenji relatati ma' xogħol jew affarjiet personali oħrajn.

20.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti jitniżlu bħala skużati.

20.1.3 Il-President semma li kien hemm Membri oħrajn li talbu li jiħlu online peress li ma setgħux jattendu fiżikament.

20.1.4 Il-President semma minħabba li l-President tar-Reġjun Tramuntana kien ilu assenti għal ftit ġimgħat mhux ħażin minħabba problemi personali, is-Sa. Anne Marie Muscat Fenech Adami kienet reġgħet ġiet mistiedna għall-laqgħa.

**20.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 19**

20.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

20.2.2 Fuq proposta ta-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**20.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 21**

20.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Stephen Sultana u Chev. Paul Farrugia, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-1 t' Awwissu 2023 u 23 t' Awwissu 2023 li kienet tammonta għall-€35,552.98.

**20.4 Komunikazzjonmi mill-President**

| | |
|---|---|
| **20.4.1 DYPALL Network** | Il-President semma li wara laqgħat li kien hemm ġewwa Brussel u li kienet attendiet għalihom l-Assoċjazzjoni, konna mitluba sabiex nuru l-interess tagħna sabiex nissieħbu fin-network DYPALL. Dan il-forum jirrappreżenta Assoċjazzjonijiet u Kunsilli Lokali u l-irwol u l-involviment taż-żgħażagħ fil-komunita'. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **20.4.2 Skemi ta' Parkeġġ Residenzjali** | Il-President semma li kienu ser jinżammu żewġ laqgħat waħda Malta u oħra Għawdex sabiex is-Sindki u Kunsilliera jwasslu l-proposti tagħhom lill-Assoċjazzjoni sabiex dawn jiġu diskussi ma' Transport Malta. Semma li l-laqgħat ser isiru fl-1 u l-4 ta' Settembru 2023. |
| **20.4.3 Laqgħa mal-Kummissjoni Elettorali** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet laqgħa ta' konsultazzjoni organizzata mill-Kummissjoni Elettorali fejn ser ikunu qed jiġu indirzzati anomaliji fejn jidħlu numri ta' bibien. |
| **20.4.4 FHRD** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tattendi konferenza organizzata mill-FHRD rigward resilent leadership. Il-President semma li kienu ser jattendu hu kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv. |
| **20.4.5 Ganado Advocates Procurment Law** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tattendi konferenza organizzata minn Ganado Advocates rigward procurment law. Il-President semma li kienu ser jattendu hu kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv. |
| **20.4.6 Internal Audit Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali** | Il-President semma li hemm laqgħa fuq is-suġġett fil-preżenza tal-Awditur Ġenerali, is-Segretarju Permanenti u anki d-Direttur u l-Assistent Direttur għall-Compliance, |
| **20.4.7 Stħariġ mill-NAO – Kirjiet** | Il-President semma li kien għaddej staħriġ mill-NAO rigward kirjiet minn entitajiet pubbliċi. Semma li l-Assoċjazzjoni kienet wieġbet dan l-istħarriġ. |
| **20.4.8 Laqgħa Ġenerali Annwali - CEMR** | Il-President semma li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ser jattendu l-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' CEMR ġewwa t-Turkija, f' Novembru 2023. |
| **20.4.9 MCA** | Il-President semma li kienet saret laqgħa mal-MCA sabiex f' Jannar isir workshop mal-Kunsilli fuq id-drittijiet tar-residenti fejn jirrigwardjaw r-responsabilitajiet tal-MCA kif ukoll fuq xogħlijiet fil-lokal relatati ma' servizzi ta' komunikazzjoni. Il-President semma li din ser tkun pjanat għall-Jannar 2024. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **20.4.10 Ġemellaġġi** | Il-President semma li d-Diviżjoni kienet ħarġet ċirkulari fejn ġie spjegat il-proċess li Kunsill irid isegwi. |
| **20.4.11 Allowance għall-Aġent Viċi President** | Il-President semma li kienu bdew diskussjonijiet sabiex f' każ li Viċi President tar-Reġjun ikollu jaġixxi għal tul ta' żmien dan għandu jkun ikkumpensat.<br>Is-Sur Charles Bonello semma li f' dawn il-każijiet wieħed għandu jitħallas għal xogħolu.<br>Is-Sur Aquilina semma li din m' għandiex tkun across the board u applikata mingħar ebda proċedura. Semma li r-Reġjun għandu jkollu d-dritt li japprova dan il-ħlas jew le. Semma wkoll li jerġa' jqum l-argument li Viċi President huwa wkoll Sindku tal-Lokal meta President ma jistax jokkupa ż-żewġ irwoli.<br>Is-Sur Charles Bonello ma qabilx ma' l-argument tas-Sur Aquilina u semma li dan għandu jkun proċess stabbilit u mhux għad-diskrezzjoni tar-Reġjun. Semma wkoll li m' hemm l-ebda anomalija fil-liġi li Aġent Viċi President ikun ukoll Sindku.<br>Chev Paul Farrugia semma li huwa jaqbel li wieħed ikollu kumpens.<br>Iddiskutew li għandu jkun hemm sistema li tirrikonoxxi din il-ħidma meta Aġent Viċi President jaġixxi fit-tul (għal aktar minn xhar) flok il-President. Semmew ukoll li dan il-proċess għandu jiskatta meta u ladarba l-President innifsu jiddikjara li ma jistax jaġixxi.<br>Il-President issuġġerixxa li l-Assoċjazzjoni għandha tibgħat kontro-proposta lid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali fejn ir-rata għandha tkun l-onorarja li jitħallas Sindku b' Kunsill ta' 5 kunsilliera, il-President irrid jiddikjara li ma jistax jaġixxi, tibda titħallas bix-xhar b' lura mill-ewwel xhar. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Charles Bonello, l-Eżekuttiv qabel ma' din il-proposta. |
| **20.4.12 Ftehim mal-Victim Support Agency** | Il-President semma li kien ġie ffirmat il-ftehim mal-Victim Support Agency. Semma li dawn ser ikunu qed jikkomunikaw mar-Reġjuni sabiex jorganizzaw taħriġ għall-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. |
| **20.4.13 Regions Open Week - Brussels** | Il-President semma li kienu fetħu l-workshops sabiex dawk li kienu ser jattendu jkunu jistgħu japplikaw. |

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**20.4.14 Interim Audit AKL**

Il-President semma li wara laqgħa mas-Segretarju Permanenti, is-Sa. Dimech fil-preżenza tal-Awditur Ġenerali kif ukoll d-Direttur, s-Sa. Clare Bugeja huwa ressaq quddiemhom għadd ta' problemi li l-Kunsilli qed jaffaċjaw minħabba li l-qafas regolatorju fl-amministrattiv mhuwiex qed jiffunzjoni skond kif meħtieġ. Semma wkoll li huwa elenka għadd ta' nuqqasijiet li d-Dipartiment qed jagħmel ukoll fil-konfront ta' twissijiet fejn tkun il-ħtieġa. Semma wkoll li kien ċar li l-pożizzjoni tal-Assoċjazzjoni hija li qabel ma ssir analiżi u rapport ta' kif qed jopera d-Dipartiment, l-awditjar intern limhux qed isir kif suppost isir mhuwiex ser jitkompla. Semma li s-Segretarju Permanenti kkonkludiet sabiex jerġgħu jiltaqgħu f' Ottubru 2023.

**20.4.15 Laqgħa mar-Reġjuni rigward l-immaniġjar ta' skart**

Il-President semma li kienet saret laqgħa mar-Reġjuni kkordinata mill-Ministru l-Onor Owen Bonniċi kif ukoll mis-Segretarju Parlamentari l-Onor Zerafa Civelli. Il-President informa li r-Reġjuni kollha kienu preżenti u li ġew diskussi diversi sfidi fosthom dawk relatati mal-kondominji, data sharing ma' entitajiet oħra, ħlas ta' multi on the spot u materja oħra li l-Assoċjazzjoni ijlha titkellem fuqhom mis-sena 2017.
Semma li saret laqgħa oħra ma' diversi ministeri fejn jidħol l-infurzar.
Il-President propona li ser ikun qed jieħupariri legali fuq emendi fil-liġi tal-ġbir ta' skart partikolarment fejn jidħlu; il-ħaddiema barranin, kirjiet qosra u infurzar.
Is-Sur Charles Bonello semma li hemm nuqqas ta' infurzar imma m' għandux jingħta t-tort kollu lir-resident. Semma li ma kienx hemm pjan ħolistiku u strateġiku ta' kif ser jiġi implimentat dan il-proġett. Semma li għandu jkun hemm kumitat interministerjali fuq is-suġġett organizzat mill-OPM.

**20.4.16 Akkumular ta' leave għas-sena 2024 – Segreatrju Eżekuttiv**

Il-President semma li skond ċirkualari mibgħutha mid-Diviżjoni, is-Segretarji Eżekuttivi jistgħu jitrasferixxu sa 50% tal-leave intitolati għalih fis-sena. Il-President semma li minħabba esiġenzi ta' xogħol li s-Segretarju Eżekuttiv qed jagħmel kemm fl-Assoċjazzjoni, fil-Kunsill Reġjonali Port u anki l-Kunsill ta' Ħal Tarxien, il-President talab għall-approvazzjoni sabiex is-Segreatrju Eżekuttiv tkun tista' titrasferixxi 50% tas-siegħat leave li hija kienet intitolata għalihom. Fuq proposta tal-

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva din il-proposta.

| | |
|---|---|
| **20.4.17 Kont pendenti ta' Kuntrattur** | Il-President semma li għad hemm il-kont pendenti tal-kuntrattur li rama d-dawl fl-attivita' ta' 22 ta' Lulju minkejja li kien approvat mal-iskeda tal-pagamenti dan il-pagament għadu m' ntbgħatx peress li l-President kien qed jitlob laqgħa mal-kuntrattur fuq il-kwalita' tas-servizz. |
| **20.4.18 Attivitajiet tal-Milied** | Il-President semma li ser ikunu qed jiġu pjanati l-attivitajiet tal-Milied għall-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttiv u ħaddiema. |

**20.5 Komunikazzjonmi mill-Membri**

20.5.1 Is-Sur Anthony Chircop semma li xtaq iqajjem il-punt li Reġjuni differenti qed iħalsu salarju differenti lill-Uffiċjali Maniġerjali. Semma li dan mhux xieraq u għandu jkun hemm gwida ċara mid-Diviżjoni tas-salarju. Semma li r-Reġjun Nofsinhar u anki dak ta' Tramuntana qed jiżalsu b' rata aktar għolja u dan qed iqajjem diżgwit bejn l-impjegati u saħansitra qed jispiċċaw l-impjegati jbiddlu minn Reġjun għall-ieħor.

**20.6 Aġġornament**

20.6.1 Il-Laqgħa aġġornat si-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 18 ta' Settembru 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.21 li nżammet nhar l-it-Tnejn, 18 t' Awwissu 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**